MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 13

27 ta' Mejju 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fiċ-Ċentru għall-Kultura, Edukazzjoni u Informazzjoni, Triq il-Ġonna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.39pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Alex Mangion li kien jinsab indispost.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha e-mail b'apoloġija tas-Sur Alex Mangion.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 12 ġew approvati.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 *Ufficċini ġodda*

Is-Sur Cordina qal li illum iltaqgħu hawn flok fejn kienu qabel għax inġarr l-uffiċċju temporanjament ġoċ-Ċentru għall-Kultura u Informazzjoni filwaqt li l-*back office* ġa mar postu fl-uffiċċini l-ġodda. Qal li kien hemm ħafna issues marbuta mal-fatt li s-sid riedet l-post biex tiftaħ *art gallery* sal-avvenimet tal-Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ. Għalhekk ġie deċiż li jiċċaqalqu qabel is-7 ta' Ġunju u sar iċ-ċaqlieq tal-linji bl-uffiċċini b'kollox. Il-pubbliku ma setax jinqeda bit-telefon għall-sagħtejn biss aħjar mill-ħin previst li kien ta' ġurnata.

Qal li jonqos il-*compliance certificate* imma temporanjament hemm sub-meter tad-dawl u l-ilma u l-uffiċċju hu *fully operational* sakemm issir l-*official opening.*

13.3.2 *Konferenzi Stampa*

Is-Sur Cordina avża li ġejja fuq is-sit ta' Ġnien il-Palma l-Onorevoli Ministru Miriam Dalli sabiex tieħu *update* tax-xogħolijiet. Din iż-żjara se ssir il-Ħamis, 29 ta' Mejju 2025fl-10 ta' filgħodu. Qal ukoll li t-Tnejn, 2 ta' Ġunju fid-09.30am hemm Konferenza Stampa oħra mis-Segretarjat Parlamentari Alison Zerafa Civeli fuq l-attività li se tittella' Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.4.1 Dr. Helen Caruana

- Saqsiet fuq nuqqas ta' dawl fi Triq l-Imsaġar. Is-Sur Cordina qal li din il-kwistjoni kien daħal fiha hu minħabba li ħadd mir-residenti ma ried l-arblu u lanqas l-lampi mal-faċċata. Hu qal li qalilhom li kif jiddeċiedu fejn trid tiġi jtuhielu bil-miktub biex wara ma terġax tinqala'. Dr. Caruana qalet li l-parti fejn hemm id-dlam ma tinvolvix ħafna nies u li se

tkellimhom hi u fejn ma jaqblux bejniethom tiddeċiedi l-Enemalta plc. Is-Sur Cordina qal li hu ma jaqbilx li l-Enemalta tiddeċiedi għax fl-opinjoni tiegħu mhix etika li jintefa' arblu, lampa jew għall-argument anka *sleeping policeman.* Qal li mhux ħa jimponi xi ħaġa li ma jridux in-nies quddiemhom. Enfasizza li jekk l-Enemalta trid taqbeż l-Kunsill tagħmel li trid imma li se jiġri hu li se jiġri hu li se jissuġġerixxu fejn jiġi, isir l-arblu li jitħallas finalment mill-Kunsill. Dr. Caruana qalet li per prinċipju qed jaqblu li hemm bżonn issir bozza imma fejn se jsir sta għal min jaċċettaha quddiemu. Dr. Caruana qalet li hi ċara li min qed jitlobha ma jridhiex quddiemu.

Is-Sur Cordina qal li kellhom anke issue fuq is-siġar ta' Victor Vassallo u li riedu li tinqala' siġra ta' 33sena għax twaqqa' l-weraq. Id-diskussjoni waqqfet hawn u se jiġu kkuntatjati n-nies biex jaraw fejn l-aħjar titwaħħal din il-lampa.

13.4.2 Dr. Ralph Cassar

- Qal li kien irrapporta xi terrapien u ġebla nieqsa mill-pilastru tal-pont ta' Wied Irmiedi u li s'issa baqa' ma sar xejn fuq dan. Biex jerga' jsir rapport.
- Reġa' enfasizza fuq il-ħamrija nieqsa fi Triq Victor Vassallo
- Saqsa fuq *updates tal-proġetti*
  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq:
    - il-proġett tal-Kromb kienu qed jistennew mill-PA l-approval tad-DNO
    - ta' Vjal Kulħadd ma semgħu xejn iktar
    - il-proġett tal-Fuklar, li ħadu over Project Green talbu *Public Consultation* man-nies minħabba li ħa jamalgaw il-parti ta' fejn hemm il-bir ma dik ta' fejn hu mitluq bejn il-flettijiet iktar moderni tal-Gvern fi Triq tal-Fuklar
    - il-proġett ta' Ġnien il-Palma miexi u lestew l-ewwel fażi bl-*imprint concrete* u se jagħtu l-*liqueur* daqt, sar l-iskavar u tlestiet il-kurduna fuq it-tieni fażi. Hi qalet li għandha tiltaqa' mal-Perit biex jaraw fejn ġejjin l-arbli.
    - Triq Santa Katerina il-kuntrattur kellu l-*go ahead* biex jibda.

13.4.3 Paul Ciantar

- Irraporta *parking bay* li hi ta' ostakolu għal min ħiereġ minn Dun Gwann Theuma in-naħa tal-G&G Supermarket li biha ma tarax min ġej minn fuq. Is-Sur Ciantar għandu jibgħat ritratt ta' din il-*parking bay* sabiex isir rapport lill-Transport Malta/Infrastructure Malta minħabba li din saret minnhom meta tlesta x-xogħol.
- Irraporta trakk, fi Triq l-Imdina tas-Zodiac Furniture li biħ il-lights biswitu ma jidhrux. Hu qal li trakkijiet kummerċjali mhux suppost jitħallew barra. Se jsir rapport lill-*Community Police*.

## 13.5 Rapporti

13.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 13.6 *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

13.6.1 Riżoluzzjoni SPI/SCI/04/2025

Is-Sur Cordina qara r-riżoluzzjoni hawn taħt riprodotta:



*KUNSILL LOKALI*
**Ħ’ATTARD**

13/15, Triq Sant’Anna, Ħ’Attard
Tel: (+356) 21411111/21433979
Fax: (+356) 21411414
E-mail: attard.lc@gov.mt
http://www.attard.gov.mt

27 ta’ Mejju 2025

**RIŻOLUZZJONI 5**

Permezz ta’ din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ’Attard qed japprova li japplika għal fondi sabiex tiġi organizzata attivita’ tal-Milied permezz tal-iskema SPI/SCI/04/2025 Espressjoni ta’ Interess – Finanzjament Milied 2025.

Din l-iskema ser tkopri sa massimu ta’ €15,000. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas id-differenza tal-ispiża.

L-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività filwaqt li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jagħti l-kontribut tiegħu ta’ 15%.

Proponent

Sekondant

Din ir-riżoluzzjoni ġiet iffirmata mis-Sur Stefan Cordina u Dr. Helen Caruana.

## 13.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

13.7.1 Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Is-Sur Bartolo saqsa fuq il-pagamenti ta' Jum Ħ'Attard tas-Sur Neville Refalo u Dr. Corazon Mizzi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tipproċessahom dalwaqt.

Dr. Cassar saqsa fuq il-pagament tal-Lands Department. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak hu l-pagament tad-devoluzzjoni tal-post. Kull post tal-Gvern devolut lill-Kunsill għandu kera.

Proponent: Dr. Martin Musumeci Sekondant: Dr. Helen Caruana

L-iskedi ġew approvati.

## 13.8 Mozzjonijiet; u

13.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 13.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.16pm u ġiet aġġornata għal-25 ta' Ġunju 2025 fis-5.30pm

Konfermati illum, 25 ta' Ġunju 2025.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv